**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru, 2015**

**Avviz nru: 330/2003 MLF**

**Aplan Limited**

**Vs**

**Emmanuel Bajjada**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u sittin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2,666.86) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Frar, 2003 u 6 ta' Mejju, 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emmanuel Bajada fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati kemm fid-dritt u fil-fatt peress illi l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ma hijiex skond il-ftehim pattwit u lanqas inhadmet skont l-ahjar regoli tas-sengha u l-arti;

Illi l-kumpanija attrici giet mitluba tigbor lura l-merkanzija taghha u madankollu baqghet inadempjenti;

Illi l-kumpanija konvenuta qieghda tecepixxi l-*exceptio non adempliti contractus*;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tal-15 ta' Novembru 2006;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici tal-21 ta' Novembru 2006;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tas-17 ta' Gunju 2009;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] tas-27 ta' Novembru 2009, fejn iddecidiet li din il-Qorti *"ma kinietx korretta meta ddefiniet il-ftehim bhala wiehed ta' bejgh, trattasi li l-fattezzi tal-kaz kellhom aktar mill-konfigurazzjoni ta' appalt jew location operis.*
*… …*
*Wisq logikament, din il-Qorti jidhrilha li tkun pruzuntuza konsiderat il-limitazzjoni teknika taghha, illi tiddetermina, sempliciment fuq l-istregwa tal-provi u tar-ritratti, l-ezistenza, o meno ta' difett, u dik ta' l-entita taghhom. Ezercizzju bhal dan ghandu jigi kondott minn espert tekniku fil-materja li jkun nominat mill-ewwel Qorti wara r-rimessjoni lura lilha ta' l-atti, kif fil-fatt ser isir. Dan anke ghaliex ma jkunx gustifikat li l-partijiet jitilfu l-beneficcju tad-doppio esame.*

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*Ghal motivi premessi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet maghmula qeghda tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti biex wara li tinnomina perit tekniku ghall-ezami tal-allegati difetti tghaddi ghad-definizzjoni u decizjoni tal-kaz skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez s'issa inkorzi taz-zewg istanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."*

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku Dr. Philip Galea, li gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju 2012, sabiex jezamina u jirrelata dwar l-ghamara in kwistjoni wara li jara x-xhieda prodotti u jekk ikun il-kaz jisma' xhieda ohra.[2]

Semghet ix-xhieda tal-perit tekniku Dr. Philip Galea moghtija minnu in eskussjoni mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva fit-terminu lilu prefiss.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Hemm divergenza bejn il-partijiet, dwar il-fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri, u ghalhekk, il-Qorti se taghmel sunt tal-fatti saljenti allegati mis-socjeta attrici, kif ukoll tal-fatti saljenti allegati mill-konvenut.

---

[2] Ara fol. 118 tal-process.

*Il-Verzjoni tas-Socjeta Attrici*

1. Fis-26 ta' Frar 2001, Emvin Ebejer, is-sales manager tas-socjeta attrici, xehed li l-konvenut kien gie ix-showroom tas-socjeta attrici, ghax xtaq jordna kcina. Il-konvenut pogga bil-qeghda mad-designer tas-socjeta attrici u ma' Emvin Ebejer, u sar id-disinn tal-kcina li xtaq.

2. Dak in-nhar stess, iktar tard, il-konvenut ikkonferma l-ordni u hallas depozitu ta' LM1,000.

3. Peress, li l-konvenut kien se jsiefer dak in-nhar stess, gab mieghu lil ibnu Victor. Victor Bajada, iben il-konvenut infurmahom li kien se jiehu hsieb l-affarijiet in konnessjoni mal-ordni tal-kcina. Maghhom kien hemm impjegat tal-konvenut, Martin Farrugia.

4. Sussegwentement, certu David Cordina, dak iz-zmien impjegat tas-socjeta attrici mar fil-fond tal-konvenut u ha l-qisien tal-kcina, sabiex ikun jistgha' jaghmel il-pjanti. David Cordina ma baqghax impjegat tas-socjeta attrici.

5. Fil-28 ta' Frar 2001, Victor Bajada, ghan-nom tal-konvenut missieru, iffirma l-pjanti tal-kcina u l-kuntratt bejn il-partijiet. Xahar wara, cioe fis-26 ta' Marzu 2001, is-socjeta attrici baghtet il-kopji tal-pjanti l-Ingilterra fejn kien qed jghix il-konvenut.

6. Fit-28 ta' Marzu sar hlas iehor akkont ammontanti ghal LM500.

7. Fit-8 ta' Gunju 2001, ix-xoghol tpogga fil-fond tal-konvenut.

8. Fis-27 ta' Gunju 2001, Martin Farrugia ghan-nom tal-konvenut cempel lill-Emvin Ebejer fejn infurmah li l-konvenut xtaq li jsiru xi erba' bibien addizzjoni, li ma kienux fil-pjanti originali. Meta saret din l-ordni addizzjonali, Emvin Ebejer xehed li Farrugia qallu li l-kcina kienet saret b'mod sabih u ma kien hemm ebda ilment.

9. F'April 2002, il-konvenut ilmenta ma' Emvin Ebejer li allega li l-kcina, kienet saret dejqa.

10. Emvin Ebejer acceda fil-fond tal-konvenut sabiex jivverifika l-allegazzjonijiet li kien qed jaghmel, u fl-opinjoni tieghu ix-xoghol kollu kien sar skond l-arti u s-sengha u skond il-pjanti.

*Il-Verzjoni tal-Konvenut*

1. Il-konvenut qed jinsisti li l-kcina ma saritx skond il-pjanti li fuqha kien ordna. Hu jghid li rapprezentant tas-socjeta attrici kien mar id-dar tieghu, fejn kien hemm prezenti habib tieghu certu Martin Bajada, u tah l-ispecifications tieghu li gew accettati mis-socjeta attrici.

2. Huwa ezebixxa diversi ritratti li skond hu juri li l-kcina ma saritx skond il-ftehim u skond l-arti u s-sengha. Il-Qorti se tirreferi ghalihom iktar l'isfel f'din is-sentenza.

3. Huwa jghid ukoll li meta hallas id-depozitu ta' LM1,000, ma gie muri l-ebda pjanti tal-kcina, kif kien gie imwieghed. Is-salesman qallu li l-pjanti kien se jtihom lit-tifel, izda dan ma sarx. Il-konvenut jghid li hu kien icempel minn barra lis-socjeta attrici, pero dejjem kienu jghidulu li l-Manager, Emvin Bugeja, ma setghax ikellmu.

4. Fl-ahhar irnexxielu jikkomunika mal-Manager u dan qallu li ser jibghatlu l-pjanti. Il-konvenut jghid li meta rcieva l-pjanti l-Ingilterra, l-kcina kienet diga mwahhla fil-post.[3]

[3] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 67 tal-process.

5. Meta il-konvenut gie lura Malta, u ra l-kcina fil-post, hu ra d-difetti ezebiti fir-ritratti, hu informa lis-socjeta attrici li ma ridhiex. Pero l-kcina ghadha fil-post sal-lum, u qed jintuza, ghax il-konvenut jghix fil-post, pero jahdem barra minn Malta.

6. Il-konvenut jghid li hu iltaqa' mas-salesman darbtejn fuq il-post, u li t-tifel tieghu ma ha hsieb xejn. In oltre jghid li hu ma nkariga lil hadd sabiex jiehu hsieb l-affarijiet tieghu hawn Malta. Hu inkariga lit-tifel sabiex jiffirma biss xi xogholijiet extra in konnessjoni ma' xi handles.

7. In kontro-ezami, il-konvenut jghid li l-pjanti rcivihom xi erba' (4) xhur wara li hallas id-deposit, u gimgha qabel ma giet imwahhla l-kcina fil-post, u jghid testwalment *"Jien l-isketch m'ghogobnix"*.[4] Huwa jghid li ipprova jikkontatja lill-Manager tas-socjeta konvenuta izda ma rnexxielux. Cemplilhom dwar l-isketch wara li twahhlet il-kcina.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tibda biex tghid li taqbel perfettament ma' dak li qal il-Perit Tekniku Dottor Philip Galea, li ma thosshiex komda bix-xhieda prodotta miz-zewg partijiet. L-iktar persuna idonea li setghet tixhed dwar il-ftehim li sar bejn il-partijiet kien David Cordina li mar darbtejn fil-fond tal-konvenut sabiex jiehu l-kejl u jiftiehem mieghu kif kellha ssir il-kcina, u l-persuna li iddisinjat il-pjanti. Huwa vera li David Cordina, ma baqghax aktar impjegat tas-socjeta attrici, pero ma sar l-ebda sforz mill-ebda parti sabiex jigi rintraccat u prodott bhala xhud. Il-pjanti li ghamel David Cordina ma jaghtux tad-disinji, preciz anzi jghid fil-parti t'isfel taghhom li *"This drawing is an artistic interpretation of the general appearance of the floor plan. It is not meant to be an exact rendition."* Konsegwenza ta' dan, din il-Qorti m'ghandhiex prova oggettiva ta' x'kien il-ftehim bejn il-partijiet dwar id-disinn tal-kcina u d-distanzi li kellhom jinzammu.

---

[4] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 67 tal-process.

Pero, mill-kumpless tal-provi, il-Qorti ma thossx li x-xhieda tal-konvenut hija wahda attendibbli:

1. Fl-ewwel lok, kif jidher mix-xhieda tieghu fuq citata, huwa jikkontradici lilu nnifsu billi fl-ezami jghid li l-ewwel ircieva l-pjanti l-Ingilterra wara li l-kcina kienet twahhlet fil-post, fil-waqt li in kontro-ezami jghid li ircieva il-pjanti xi gimgha qabel il-kcina twahhlet fil-post. Il-Manager tas-socjeta attrici ezebixxa kopja ta' ittra tas-26 ta' Marzu 2001 mibghuta lill-konvenut l-Ingilterra, bil-kuntratt u l-pjanti annessi.[5] Il-Qorti tqis li l-versjoni tas-socjeta attrici veritiera u li l-pjanti intbaghtu lill-konvenut l-Ingilterra fis-26 ta' Marzu 2001, u ghalhekk ircivhom jew lejn l-ahhar ta' Marzu jew f'April.

2. Li kieku l-verzjoni tal-konvenut li hu rcieva l-pjanti wara li l-kcina twahhlet fil-post hija veritiera, il-Qorti ma tistghax tifhem kif fit-28 ta' Marzu 2001, il-konvenut ghamel depozitu akkont ta' LM500.00 ohra.[6] Kieku veru li l-konvenut ma kellux il-pjanta ta' kif kienet gejja l-kcina f'idejh, zgur li ma kienx se jaghmel depozitu iehor. Ghalhekk, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut kellu l-pjanti f'idejh qabel saret il-konsenja.

3. Fil-fatt, in kontro-ezami il-konvenut jghid li hu kellu l-pjanti f'idejh qabel saret il-konsenja, u jghid li l-isketch mill-ewwel m'ghogbux. *Dato ma non concesso*, li l-konvenut ma rnexxielux jikkomunika mal-Manager tas-socjeta attrici, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-konvenut kien qed jikkomunika mal-familja tieghu, il-mara u t-tifel, u seta' wkoll ikkomunika mal habib tieghu Michael Bajada u l-impjegat tieghu Michael Farrugia. Allura l-konvenut certament kien f'posizzjoni li jinforma lil xi hadd minn dal-erba' persuni sabiex jiehdu l-mizuri necessarji biex ma jhallix lis-socjeta attrici tistalla l-kcina, u jevita l-kcina u/jew ma jaccettax il-konsenja taghha. Ghall-inqas mill-provi, jirrizulta li l-konvenut ma

---

[5] Ara fol. 29 *et seq.* tal-process.
[6] Ara fol. 41 tal-process.

ghamel xejn minn dan, u ma ghamel l-ebda attentat sabiex jimpedixxi lis-socjeta attrici milli tistalla l-kcina.

4. Mhux talli l-konvenut ma ghamel xejn biex jimpedixxi lis-socjeta attrici tistalla l-kcina, talli wara li l-kcina giet installata, huwa qabbad lill-impjegat tieghu Michael Farrugia jaghmillu ordni addizzjonali ta' erba' bibien.[7] Ghalkemm il-konvenut ma kienx Malta meta twahhlet il-kcina, certament kien infurmat mill-familjari, jew habib jew haddiem tieghu dwar il-mod ta' kif kienet saret. Ghalhekk dan mhux agir kompatibbli ma persuna li qed tilmenta li l-kcina ghandha diversi difetti. In oltre, ix-xhieda ta' Emvin Ebejer li meta Farrugia ordna dawn l-erba' bibien addizzjonali, Farrugia kien qallu li *"l-kcina kienet saret b'mod sabih u ma kien hemm ebda, fil-fatt difett"* ma giet bl-ebda mod kontradetta.

Ghalkemm, ghar-ragunijiet spjegati aktar il'fuq, din il-Qorti m'ghandhiex prova oggettiva ta' x'kien il-ftehim bejn il-partijiet dwar id-disinn tal-kcina u d-distanzi li kellhom jinzammu, huwa l-konvenut li qed jallega li l-appalt ma giex ezegwit skont il-ftehim u li ma hux skont l-arti u s-sengha, u ghalhekk l-obbligu li jipprova dawn l-allegazzjonijiet jinkombi fuqu.

Il-Perit Tekniku zamm access fil-kcina in kwistjoni fil-prezenza tal-partijiet u tal-avukat difensur tas-socjeta attrici. F'dan l-access il-konvenut indika in-nuqqasijiet li ilmenta dwarhom. Minn dan l-access, il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-ilmenti tal-konvenuti kienu s-segwenti:

i) id-distanza dejqa bejn il-bank tal-kcina u l-bar;
ii) nuqqas ta' konsenja ta' overhead canopy fuq in-naha tal-bar
iii) diversi ilmenti u difetti apparenti mhux skond l-arti u s-sengha.

---

[7] Ara dokument a fol. 44 tal-process.

*(i) Id-distanza dejaq bejn il-bank tal-kcina u l-bar*

Dwar din il-lanjanza, il-Perit Tekniku qal hekk: *"Il-fatt hu li d-distanza kellha fejn tizdied mill-anqas b'xi hamsa u ghoxrin centimetru (25cm) ghax il-post jippermetti. Kemm il-darba jigi stabbilit li kien hemm ftehim (vide aktar l-isfel) dwar il-qisien u ma gietx segwit, nivvaluta kumpens ta' erba' mija u hamsin Euro (€450.00) … …*

*Ghandu jinghad pero per ogni buon fine li d-distanza li tkun stretta mhux necessarjament huwa difett. Ma hemmx distanza standard stabbilita minn xi normi tas-sengha sakemm ghandu jinghad li distanza li ma tippermettix fejn wiehed jahdem bis-sens (ez. Li tinfetah bieba) u minghajr perikolu titqies bhala mankament. Hawn hu kaz dwar qisien u distanza preferuta fejn hemm allegat ftehim izda kieku ma jezistix ftehim, id-distanza ezistenti mhux tali li titqies li ma saritx skond is-sengha u l-arti."*

Mill-provi akkwiziti, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova ta' x'kellha tkun id-distanza bejn il-bank tal-kcina u l-bar. Lanqas fix-xhieda tieghu, ma allega li kien miftiehem mas-salesman tas-socjeta attrici li d-distanza kellha tkun ta' certa qies. Fid-dawl ta' dan il-fatt u fid-dawl tal-opinjoni tal-Perit Tekniku li d-distanza ezistenti mhux tali li titqies li ma saritx skond is-sengha u l-arti, il-Qorti ma tqisx li dan l-ilment hu gustifikat, u konsegwentement l-ebda kumpens m'hu dovut.

*(ii) Nuqqas ta' Konsenja ta' overhead canopy fuq in-naha tal-bar*

Fir-rigward ta' dan l-ilment, il-Perit Tekniku ikkonkluda hekk: *"Extension ta' overhead canopy biex tkompli ghal fuq il-bar allegatament miftiehma u li ma gietx konsenjata. Il-kumpens qed jigi valutat fl-ammont ta' tlett mija (300) Euro ghal materjal, xoghol u dawl. Hawn mhux kaz ta' difett izda ta' ftehim jew nuqqas tieghu."*

Mill-provi prodotti, il-konvenut ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li kien hemm ftehim ta' estensjoni ta' *overhead canopy* biex tkompli fuq il-bar. Dan ma jissemma imkien fix-xhieda tieghu. Konsegwentement, ladarba skont l-opinjoni tal-Perit Tekniku dan

mhux kaz ta' difett, izda ta' ftehim jew nuqqas tieghu, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-ebda kumpens ma huwa dovut.

*(iii) Diversi Ilmenti u Difetti appartenti mhux skond l-arti u s-sengha*

Dawn jikkonsitu f'seba' allegati difetti, li huma s-segwenti:

(A) Skond il-Perit Tekniku *"L-aktar wiehed sinifikanti huwa dak li bl-Ingliz jissejjah "Shrinkage" tal-materjal principali li huwa l-oak mastizz fil-bieba tal-fridge-freezer cabinet. Dan is-shrinkage ghandu habta jigri meta jintuza oak mastizz u l-manifattur irid ikun ghal altezza f'dan ir-rigward u jiehu hsieb li l-materjal ikolllu l-moisture level rikjest biex dan jigi evitat. Malta, dan il-moisture content ikun ta' bejn 13 u 15 degrees. … …*

*F'dan il-kaz ma jirrizultax li hemm umdita ghax kieku kien probabilment jimmanifesta ruhhu f'bibien ohra specjalment dawk l-aktar vicini. Fin-nuqqas ta' evidenza li kien hemm xi leakage ta' likwidi li setghu ikkontirbwew ghal xi movement tal-injam (ez jintefah) ghandi nikkonkludi li dan is-shrinkage irrizulta jew ghal dik l-injama partikolari ma kelliex il-moisture content rikjest biex tinhadem minghajr riskju, probabbilment kienet imxarrba zzejjed bhala materja prima.*

*Dan huwa riskju li jiffaccja wiehed li jahdem injam mastizz jekk ma ikollux kontroll shih fuq il-materjal li jixtri u ghalhekk ghandu jerfa' r-responsabbilita kemm-il darba jigri entro termini tal-ligi dwar il-preskrizzjoni. Dan jikkostitwixxi difett azzjonabbli. Il-valur biex dan id-difett jigi rimedjat huwa ta' mitejn (200) Euro ghal xoghol u materjal.*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku, il-Qorti hija tal-opinjoni li s-socjeta konvenuta tahti ghal dan in-nuqqas ta' xoghol skond l-arti u s-sengha, u l-ammont ta' €200,00 ghandu jitnaqqas mill-ammont pattwit.

(B) It-tieni difett allegat mill-konvenut, huwa li l-bank tal-irham kif mahdum (ara skizz A) mhux skond is-sengha u l-arti, in kwantu illi fit-tulijiet tal-kcina u l-bar dawn

ghandhom direzzjoni fid-direzzjoni tat-tul tal-worktop, fil-waqt li fil-parti li taghmilha ta' pont bejn il-bank u l-bar, id-direzzjoni tal-vina tal-irham hija orizzonontali u kellha tkun u parallel mad-direzzjoni tal-kumplament.

Dwar dan l-allegat difett, il-Perit Tekniku ikkonkluda hekk: *"Fil-fehma tal-esponenti, din hija kwistjoni ta' opinjoni u zewg punti di vista ghandha mertu. Jinghad pero li hija prattika generali li l-pattern ghandu jkun dejjem l-istess kullimkien meta thares lejh mill-faccata. F'dan il-kaz, inhadem skon din il-prattika u fil-fehma tal-esponenti ma jinqiesx li inhadem mhux skond s-sengha u l-arti u m'huwiex difett."*

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Tekniku, il-Qorti ma tistax tara kif din l-allegazzjoni tal-konvenut tista' tigi milqugha.

(C) It-tielet difett allegat mill-konvenut huwa li fil-worktop hemm bcejjec tal-irham bhal quddiem il-hob li m'ghandhomx "support" sottostanti u ghalhekk huma vulnerabbli li jaqaw u jinkisru ghax bl-uzu inqatat il-kolla u qed jiccaqalqu. Il-Perit Tekniku ikkonkluda hekk fuq dan l-ilment *"Dan gie muri u ippruvat u huwa nuqqas li huwa facilment rimedjabbli billi tiwahhal filler piece mal-faccata tal-kabinet biex taghti l-appogg necessarju biex ma taqax il-bicca tal-irham li inqalat. Valur dan isir mitt (100) Euro.*

*Tqajjem ukoll f'dan ir-rigward li l-work top ma kellux jinhadem u bil-filler pieces tal-irham quddiem il-hob u s-sink izda kellhom jinqata l-ispazju b'makkinarju b'mod li ma jintuzawx filler pieces.*

*Huwa veru u hekk isir illum (2014) izda dan ma kienx hekk fiz-zmien meta giet ordnata l-kcina (ghal ragunijiet teknici tal-materjal – "granit" u specjalment diffikultajiet fit-trasport minhabba fragilita) u lanqas meta inbdiet il-kawza u mhux qed jigi kunsidrat bhala difett mill-esponenti."*

Ghaldaqstant, il-Qorti se tillikwida l-ammont ta' €100 ghan-nuqqas li certi bcejjec tal-irham ma kellhomx is-support sottostanti, li kienet tirrikjedi s-sengha u l-arti dak iz-zmien li giet istallata l-kcina.

(D) Ir-raba' ilment tal-konvenut jirrigwarda l-livell tal-extractor. F'dan ir-rigward, il-Perit Tekniku qal hekk *"Dan huwa dejjem punt ta' kontroversja ghax huwa relatat mat-tul tal-persuna li tordna l-kcina. Diment li l-gholi tal-extractor ma jigix diskuss u annotat, dan hafna drabi jitwahhal mal-livell tas-suspended top cabinets precisament mill-aktar livell baxx ta' dawn il-cabinets il-fuq. Dawn il-cupboards normalment jitwahhlu bil-livell l-aktar baxx ikun circa 55 sa 60 cm mill-wicc tal-kcina izda ukoll m'hemmx regola ghal din, tiddependi mit-tul tal-utent u dawn huma aspetti li iridu jigu diskussi mill-bejjiegh u l-klijent minn qabel prefibilment biex jigu evitati dawn il-kwistjonijiet. Ghaldaqstant, l-ilment li twahhal baxx mhux gustifikat ghax isegwi l-prattika vigenti. Kien ikun preferibbli li l-gholi jigi imsemmi fit-trattativi, izda jekk ma giex imur a favor tal-prattika uzata fis-settur."*

Fil-kaz odjern, certament mill-atti ma tirrizulatax l-icken prova li kien hemm xi ftehim bejn il-konvenut u s-socjeta attrici dwar il-livell tal-*extractor*, u konsegwentement dan l-ilment tal-konvenut ma jistghax jigi milqugh.

(E) Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-hames ilment tal-konvenut u cioe li sar cabinet ghal fliexken tax-xorb, izda f'kompartiment partikolari ma jidholx flixkun tal-inbid ta' daqs regolari. Il-Perit Tekniku illikwida dan id-difett fis-somma ta' €100.

(F) Is-sitt ilment tal-konvenut huwa li l-bibien m'humiex kollha tal-istess daqs. Il-Perit Tekniku ikkonkluda hekk: *" Dwar l-ilment li l-biebien ma humiex kollha ta' l-istess daqs ghandi nghid illi dan huwa possibbli u accettabli fi kcejjen madumin "in serie" a bazi ta' program industrijali ta' produzzjoni ghax il-qisien tal-cabinets huma pre-determinati u l-kcina ma issirx a basi ta' sommom aritmetici b'divizjoni bin-numru ta' bibien biex tinholoq simetrija kien (recte kif) jippretendi l-konvenut. Biss fl-artigjanat huwa possibbli dak li qed jigi pretiz u dak li gie konsenjat huwa accetttabbli u sar skont kif hija l-prattika u s-sengha ta' dan l-ahhar snin. Pero jekk din il-Qorti tkun tal-istess fehma tal-Qorti tal-Appell, dan jista' jitqies nuqqas li artigjan setgha jirrisolvi bla diffikolta stante li huwa meqjuz li kull ma jipproduci huwa b'din is-sistema li kollox prodott ghal klijent partikolari. F'dan il-kaz, il-valur ta' kumpens jista' jkun ta' erba' mitt (400) Euro.*
*L-esponent pero mhux tal-fehma li dan ghandu jitqies bhala difett, sakemm ma jidhlux kwistjonijiet strettament legali bhal ma hawn fil-kaz de quo."*

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-konvenut ma gab l-ebda forma ta' prova li kien hemm ftehim bejnu u bejn is-socjeta attrici li l-bibien ikunu kollha tal-istess daqs. Ladarba fl-opinjoni tal-Perit Tekniku dan in-nuqqas ma jitqiesx bhala difett meta l-kcina tkun se tigi mahduma *"in serie"* a bazi ta' program industrijali ta' produzzjoni, kif inhu l-kaz *de quo*, din il-Qorti mhux se tqisu bhala difett, u konsegwentement l-ebda kumpens ma ghandu jigi likwidat fil-konfront ta' dan l-ilment.

(G) Is-seba' ilment tal-konvenut hu li xi ritratti ezebiti minnu juru nuqqas ta' livell fil-worktop tal-irham. Il-Perit Tekniku qal hekk fir-rigward: *"Dan hu dovut mhux ghax il-cabinets sottostanti inhadmu b'gholi divers jew ghax l-irham imbaram izda ghax jew hemm dislivell fl-art u ma ittiehdux akkont ta' dan fl-installazzjoni tal-kcina, meta facilment setghu isiru adjustamenti f'dan il-livell. Dan huwa traskuragni fl-installazzjoni u huwa rimedjabbli. Qed jinghata kumpens ta' mija u ghoxrin (120) Euro ghal dan in-nuqqas."*
Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti se tillikwida l-ammont ta' €120 ghal dan in-nuqqas fl-istallazzjoni min-naha tas-socjeta attrici.

Mill-konsiderazzjonijiet suesposti, mis-somma pretiza mis-socjeta attrici fl-avviz promotur ghandha titnaqqas is-somma ta' €520.00 – ekwivalenti ghal Lm223.24 - kwantu ghal:

- Mitejn Euro (€200) ghall-ilment enumerat 3A;
- Mitt Euro (€100) ghall-ilment enumerat 3C;
- Mitt Euro (€100) ghall-ilment enumerat 3E;
- Mija u ghoxrin (€120) Euro ghall-ilment enumerat 3G.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' hamest elef sitt mija u tnejn u disghin Euro u ghaxar centezmi (€5692.10) - rapprezentanti elfejn, erba' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,443.62), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Frar, 2003 u 6 ta' Mejju, 2003 ghandhom jigu subiti kwantu ghal hamsa u disghin fil-mija (95%) mill-konvenut u kwantu ghal hamsa fil-mija (5%) mis-socjeta attrici.

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**